**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D.; M. Jur.**

Il-Pulizija

Vs

Salvatore Miraglia

Kumpilazzjoni numru: 853/2023

Illum, 29 ta' Lulju, 2025

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi mahruga mill-Pulizija Ezekuttiva u irregistrati quddiem dawn il-Qrati fit-18 ta' Ottubru 2023 kontra:

**Salvatore Miraglia,** iben Rosario u Carmela nee' Lobetti, resident 37, Lion Strett Floriana, detentur tal-ikarta tal-identita' 0201072A, imwieled l-Italja nhar is-17 ta' Ottubru 1980;

**Akkuzat** talli nhar it-2 ta' Dicembru 2022 u fil-granet u x-xhur ta' wara fil-fond 196 Triq il-Kapuccini Kalkara u/jew f'dawn il-Gzejjer:[1]

[1] Folio 1 tal- process.

1. Approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor, jigifieri s-somma globali ta €2,100 li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu that titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerx, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju, ghad-detriment tal-konjugi Terry (ID 283585M) u Kimberly (ID 167991M) Grech, bi ksur tal-Artiklu 293 u 294 tal-Kodici Kriminali;

2. B'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet billi ghamel uzu ta' ismijeit foloz, jew ta' kwalifiki goloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh bi hsara tal-konjugi Grech u dan bi ksur tal-Artikolu 308 u 309.

Rat il-fedina penali tal-imputat.[2]

Rat l-kunsens tal-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.[3]

Rat li l-imputat wiegeb mhux hati tal-akuzi migjuba kontra tieghu waqt is-seduta tat-18 ta' Ottubru 2023.[4]

---

[2] Folio 3 tal-process.
[3] Folio 4 u 11 tal-process.
[4] Folio 7 tal-process.

Rat illi Terry u Kimberly konjugi Grech gew ammessi parte civile f'dawn il-proceduri[5].

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti

Semghet is-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni, tal-parte civile u tad-difiza tal-15 ta' April 2025.[6]

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor.**

Dan il-kaz jirrisali ghat-2 ta' Dicembru 2022 u l-gimghat u xhur ta' wara meta l-konjugi Terry u Kimberley Grech kienu taw depositu ta' elf Ewro (€1,000) lill-imputat biex jinxtara xi materjal halli jsiru xi xogholijiet fid-dar taghhom. Jidher li qabel dan il-ftehim Terry Grech kien innegozja xi mutur ta' dghajsa mal-imputat, liema tali negozju imbaghad dahal fit-transazzjoni dwar ix-xogholijiet gol-fond.

**Ikkunsidrat:**

**Provi:**

Xehed l-**iSpettur Gabriel Kitcher** fejn qal li hu mexa fuq il-kwerela tal-parti leza. Ikkonferma li ha l-istqarrija tal-imputat wara li accerta rruhu li jifhem bil-lingwa Maltija u li inghatawlu id-drittijiet spettanti lilu mill-ligi.[7]

---

[5] Folio 9 tal-process.
[6] Folio 68 tal-process.
[7] Folio 12 tal-process.

Fl-istqarrija hu ikkonferma li hu jghix malta u jahdem fl-industrija ta' finishes fil-bini. Qal li lill-kwereleanti jafhom ghax kien qed ifittex mutur ta' daghajsa fuq Facebook. Mar jarah u tagh prezz ta' Ewrp 1,300. Qal li wara mar jerga' jarah u deher li jahdem tajjeb u tah Ewro 300 depositu u ried jippruvah fl-ilma. Dan kien bhala kapparra. Jaqbel li dahal ghax li xogholijiet fid-dar tal-kwerelanti u dan kien ghal valura ta' Ewro 8,500. Fuq dawn kellu jhallas ukoll Ewro 900 tal-mutur. Barra minn dan kellu jnehhi Ewro 900 tal-magna u Ewro 2,300 tad-dghajsa b' hekk kellhom jittiehdu bhala pagament. Tawh cekk tal-BOVghal elf Ewro bhala depositu tal-materjal. Hu kellu jixtri l-materjal mill-Italja. Qal li Terry ma kellux id-dar kollha bil-permess u riedni nghaddeg biex meta jigi is-surveyor. Kien hemm xi delays u Terry ried l-elf Ewro lura pero' l-materjal kien diga' inxtara. Jghid li l-istima kollha kienet ta' Ewro 8,500 u jekk tnehhi l-ammont tat-tinda jigi madwar elf u mitejn Ewro.

Mistoqsi kemm hallsuk flus u affarijiet ohra qal:

"Cekk ta' Elf Ewro

Magna tad-dghajsa li tiswa Elf u tlett mitt Ewro

Kellu jnehhi Ewro 300 bhala kapparra u baghtlu Ewro 300 fuq il-BOV app ghax ried li ix-xoghol isir fil-weekend u mhux fost il-gimgha."

Jghid li Terry beda jigri warajh ghal flus infatti tah tlett mitt Ewro (€300) u tlett mitt Ewro (€300) u qallu li jhallsu l-kumplament tal-flus (disa' mitt Ewro [€900], seba' mitt Ewro [€700] tal-magna u mitejn Ewro [€200] tal-bqija tal-flus). Qal li l-materjal jista' jzommu u fadallu disa' mitt Ewro (€900). Jghid li x-xoghol kellu jigi fi tmiemu f'April 2023.

Jichad li ikkawza hsarat. Jikkonferma li laqat xi pipes ppero' bil-vettura u Terry kien jaf bil-periklu. Gharaf il-firam tieghu fuq id-dokumenti li urieh.[8]

Xehed **Terry Grech** nhar id-29 ta' Novembru 2023 u qal li lill-imputat kien qed inbieghlu magna.[9] Qali li l-magna kienet tiswa Ewro 1,700 per fthemu fuq Ewro 1,500. Fthemu ukoll fuq xi xoghol li kellu jaghmlillu gahd-dar. Tah Elf Ewro tal-materjal u l-imputat tah Ewro 300 depositu fuq il-magna. Meta tah l-elf ewro qallu li ordna l-injam pero' dan qatt ma wasal. Qal li gieh 4 darbiet wara nofs ta' nhar u wahhal il-hadid li kien uzat u tlett darbiet gie iswed biex ihallilhu l-hadid.[10] Gie iqaxxarlu l-hajt u gab xi ghodda. Wara ha l-ghodda u xeliltlu Bozza. Fthiem sar xi 2 ta' Dicembru 2022. Jikkonferma li darba baghtlu tlett mija. Qal li l-materjal li gablu kien cucata. Qal li fuq il-magna kienu fthemu Ewro 1,500 tal-magna u Ewro 2,500 tad-dghajsa.

Qal li ghandu jiehu minghand l-imputat elfejn u mitt Ewro (€2,100).[11]

Xehdet **Kimberly Grech** nhar id-29 ta' Novembru 2023 u qalet li l-imputat kellhom jaghmillhom xi xogholijiet u huma kellhom jaghtux magna u dghajsa.[12] Tghid li hu ha l-magna l-ghada u talabhom elf ewro biex jixtri l-materjal. Hija harget cekk u kienu ghamlu fthiem. *Qalet li l-imputat ried jaghtiha d-differenz ta' elf u mitejn.*[13] Hija ipprezenta numru ta' dokumenti li juri l-fthiem bejn il-partijiet. Tghid li dejjem jigru warajh u qatt ma gie u wara hafbna baghtilhom Ewro 300 fuq il- BOV app. Dawn ma kienux bizzejjed pero' fethu procedure l-Qorti.[14]

---

[8] Folio 20 tal-process.
[9] Folio 21 tal-process.
[10] Folio 22 tal-process.
[11] Folio 25 tal-process.
[12] Folio 36 tal-process.
[13] Folio 37 tal-process.
[14] Folio 39 tal-process.

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jigi akkuza taht l-artikoli 293, 294, 308 u 309 tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali li jaqraw is-segwenti:

"293. Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar:

Iżda ebda proċediment kriminali ma jista' jinbeda għal danid-delitt, ħlief bi kwerela tal-parti.

294. Madankollu, meta d-delitt imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan jiġi magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lill-ħati minħabba l-professjoni, industrja, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju, l-azzjoni kriminali titmexxa ex officio,u l-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn.

………

308. Kull min, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi jagħmel użu ta'ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi juri ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor,jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwarxi ġrajja kimerika, jagħmel qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sena sa seba' snin.

309. Kull min, bi ħsara ta' ħaddieħor, jagħmel xi qligħ ieħor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena tkun ta' priġunerija minn xahrejn sa sentejn jew il-multa."

**Ikkunsidrat:**

Jidher li dak li gie pattwit mill-partijiet gie kristallizaat f'diversi kitbiet privati li gew ezebiti a folio 41 sa 43. Jidher li dawn id-dokumenti ma gewx attakkati mill-imputat u ghalhekk jaghmlu prova shish kontrieh. Jirrizultaw ukoll li minn dak pattwit mill-imputat, hafna mix-xogholijiet ma sarux b' hekk minghaanjr dibbju l-imputat naqas mill-obbligi kontrattwali tieghu.

Il-Qorti ma ghandix ghalfejn tiddubita mill-verzjoni moghtija mill-kwerelanti. Dak li stqarru quddiem din il-Qorti huwa ukoll sostanzjat mid-dokumenti prezentati minnhom in att.

**Ikkunsidrat:**

L-elementi li jsawru ir-reat ta' misapproprjazzjoni jistghu jigu sommarjament elenkati fis-segwenti:

1. Li l-oggett irid ikun gie fdat jew ikkonsenjat;
2. Li dak l-oggett irid ikun irid jigi irritornat jew li jkun irid jigi uzat ghal skop specifiku;
3. Li l-oggett irid ikun gie misapplikat (misapplied);
4. Is-suggett irid ikun immisapproprijah bl-iskop ta' gwadann.[15]

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti se tghaddi sabiex tikkunsidra l-gurisprudenza dwar ir-reati addebitati lill-imputat.

[15] Ara Notes on Criminal Law Handbook, 2023, ta' Dr. Stefano Filletti pagni 122-126.

Fis-sentenza ikkwotata mill-imputat **Il-Pulizija vs Dr. Siegfred Borg Cole** (App. 21/2003) deciza fit-23 ta' Dicembru 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali per S.T.O. Prim Imhallef Vincent De Gaetano intqal f'pagna 5 u 6:

*'Filwaqt li ma hemmx dubbju li fil-kaz ta' flus li jkunu qed jinzammu minn xi hadd biex dawn eventwalment jigu ritornati lil sidhom, in-non-restituzzjoni taghhom tista' tammonta ghal approprjazzjoni indebita, fil-kaz in dizamina jonqos ghal kollox l-element formali tar-reat. F'dan il-kaz ma kienx hemm id-dolo rikjest mill-ligi, u cioe` l-intenzjoni ta' l-appellat li japproprja ruhhu billi jdawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra mill-flus li kien qed izomm a nom ta' Gaglione jew ta' Abela. L-appellat la kellu x'xjenza li qed jaghmel xi haga illegali semplicement ghax ittardja li jaghmel il-konteggi mehtiega, u anqas volontarjament ikkonverta ossia dawwar il-flus bl-iskop li jaghmel profitt minn dik il-konversjoni. Kif jispjega Luigi Majno (op. cit. supra):*

***Finalmente, a costituire il delitto di appropriazione indebita e` necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta`, a scopo d'indebito profitto per se` o per un terzo, il dolo sara` costituito dalla volontarieta` della conversione con scienza della sua illegittimita`, e dal fine di lucro: onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera` in reato chi nel disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo…Il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e` (come nel furto e nella truffa) l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione[16] del contratto, dell'inadempimento della***

[16] "Trattandosi di somme di denaro," jispjega Luigi Majno, "l'accertamento della conversione puo` presentare in pratica qualche difficolta`; le negata restituzione – anche indipendentemente da una legale costituzione in mora – e` certamente una forma di consumazione; ma la consumazione puo` risalire anche a prima della negata restituzione, ove si pongano in essere

***obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita (e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza) il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perche` non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inutilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e` costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dole.***[17]

*Fil-pessima ipotesi kullma jista' jinghad fil-konfront ta' l-appellant hu li hu ttraskura, minhabba xoghol iehor li kellu, li jaghti l-attenzjoni dovuta lit-talba ta' Gaglione biex isiru l-konteggi kemm jista' jkun malajr halli li dan jghaddilu l-flus li kienu tieghu. Fin-nuqqas ta' l-element formali tar-reat, l-aktar li seta' kien passibbli l-appellat kien ghal proceduri civili, izda certament ma kien hemm qatt lok ta' dawn il-proceduri penali'.*

Fil-kaz l-iehor iccitat mid-difiza **Il-Pulizija vs Marbeck Cremona** (Nru. 87/2007) deciz mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Settembru 2007 per S.T.O. Prim Imhallef Vincent De Gaetano intqal is-segwenti:

***Din il-Qorti, pero`, wara li ezaminat sew l-atti, hi tal-fehma li l-ewwel qorti kienet korretta fil-valutazzjoni taghha. Ma hemmx dubbju, fid-dawl ta'***

tali atti che dimostrino la intenzione di appropriarsi la cosa altrui – come l'impiego della somma in uso proprio o il suo nascondimento a scopo di sottrarla al proprietario." (Commento al Codice Penale Italiano, UTET (1922), Vol. IV, para. 1951, pag. 105).

[17] op. cit. para. 1953, pag. 105-106

***istqarrija tal-appellanti Cremona, li l-oggetti misjuba fl-vettura ta' H.P. Cole Ltd. ma kienux jikkostitwixxu l-uniku xoghol tad-ditta Kenneth Grech li hija kienet hadmet permezz ta' dik il-vettura. Anqas ma ghandha din il-Qorti l-icken dubju li Cremona kienet taf li hija ma setghetx tuza dik il-vettura ghal xoghol ta' ditta kompetitrici ta' H.P. Cole Ltd.; u ghalhekk fil-kaz in dizamina kien hemm il-volontarjeta` tal-konversjoni, bil-konsapevolezza tal-illegittimita` tal-istess konversjoni u bi skop ta' qligh ghad-ditta Kenneth Grech u, indirettament, ghaliha. Ghalhekk l-appell ta' Marbeck Cremona qed jigi respint.***[18]

Imbaghad fil-kawza **Il-Pulizija (Spettur A.M. Xuereb) vs Carmela German** deciza minn din il-Qorti fit- 8 ta' Settembru 2016 mill-allura Magistrat, illum Imhallef, Aaron M. Bugeja gie rega' ribadit li:

***'Gie deciz ukoll li fl-approprjazzjoini indebita, il-frodi tirrizulta wata li tkun saret il-konsenja tal-oggett mentri fir-reat ta' l-aspett frawdolenti manifestat fir-raggir jew artifizji jipprecedu l-konsenja tal-oggett in kwantu jkun l-kawza tal-konsenja innifisha.'***

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carmela German** deċiż fit-30 ta' Diċembru 2004, intqal:

In tema legali gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-12 ta' Frar, 1999 fl ismijiet *Il-Pulizija v. Anthony Francis Willoughby* li:

"Fil-ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent (Il-Pulizija v. Emmanuele Ellul, App. Krim., 20/6/97; ara wkoll Il-Pulizija v. Daniel Frendo, App. Krim., 25/3/94).

[18] Pagna 4 tas-sentenza. Din il-parti tal-appell kienet tirrigwarda l-Artikolu 293 (approprjat ruha billi dawwret bi profit.....).

Dan it telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma, proprju ghax tkun giet ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent).” (enfasi ta’ din il-Qorti)

Minn dan, u skont kif inhu paċifikatament assodat fil-ġurisprudenza prevalenti in materja, sabiex tinstab ħtija għar-reat ta’ truffa jeħtieġ li jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm rabta bejn is-suġġett attiv u is-suġġett passiv tar-reat u cioe’ bejn l-aġent tar-reat u l-vittma. Hemm imbagħad l-element materjali ta’ dan r-reat u cioe’ l-użu ta’ ingann, raġġiri jew artefizji, li jwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Dawn il-manuvri jridu jkunu ta’ natura li jimpressjonaw bniedem ta’ intelliġenza ordinarja u jridu jkunu frawdolenti fis-sens li jeħtieġ li jkunu użati sabiex jipperswadu lis-soġġett passiv jagħmel jew ma jagħmilx xi ħaġa li twassal għal telf patrimonjali.

Dwar l-artifizzji intqal illi “hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta’ l iffrodat.” Irid jiġi ppruvat b’mod speċifiku illi l-ingann u l-qerq adoperat mill-aġent tar-reat effettivament wassal lill-vittma biex tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa li ġabitilha t-telf patrimonjali; għalhekk irid jiġi ppruvat li t-telf partimonjali soffert mill-vittma kien il-konsegwenza diretta tal-qerq perpetrat.

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Maria Xuereb et**, il-Qorti tal-Appell Kriminali eżaminat l-elementi rikjesti sabiex jissussisti r-reat ta’ frodi u ċitat mis-sentenza tal-istess Qorti tat-22 ta’ Frar 1993, fl ismijiet Il-Pulizija vs Charles Zarb, is-segwenti bran minn sentenza tal-Corte di Cassazione Penale (Sez. II 3 ottobre 2006 n.34179) fejn intqal:-

“I tre momenti di cui si compone il reato e’ cioe’ la produzione dell’artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell’ingiusto profitto per l’agente.” (enfasi ta’ din il-Qorti)

**Il-Pulizija vs. Charles Zarb**, ċitat b'approvazzjoni mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Omissis, Omar Caruana u Omissis** deċiż nhar l-14 ta' Lulju 2020 citat ukoll minn sentenza oħra mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il Pulizija vs Patrick Spiteri deċiża fit-22 ta' Ottubru 2004 fejn il-Qorti għamlet riferenża għat-tagħlim ta' Francesco Antolisei:-

"L'agente … deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stessa, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato." (enfasi ta' din il-Qorti)

Hija meħtieġa wkoll il-prova dwar l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo ossia fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna sabiex jikseb profitt jew vantaġġ għalih innifsu bit-telf konsegwenzjali għall-vittma tar-reat.

Jekk xi wieħed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jissussisti. Fir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolent innominat) taħt l-artikolu 309 tal-Kap. 9 ir-"raggiri" jew l-"artifizji" (dak li fid-dottrina jissejjaħ ukoll mise en scene) m'humiex fost l-elementi kostituttivi tar-reat u allura anke gidba sempliċi hija biżżejjed għall-kommissjoni ta' dana ir-reat, <u>basta li din tkun saret bi ħsieb frawdolenti</u>[19].

Fir-rigward ingħad:- "... illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem

[19] Sottolinejar ta' din il-Qorti.

"bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu, ikun konxju tal-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."- **Il-Pulizija vs. Charles Zarb, ibid. 29 Ara, fost ohrajn, Il-Pulizija v. Carmelo Cassar Parnis, App. Krim., 31/10/59, Vol. XLIII.iv.1137; Il-Pulizija v. Francesca Caruana, App. Krim., 25/7/53, Vol. XXXVII.iv.1127; ara wkoll Il-Pulizija v. Giuseppe Schrainer, App. Krim., 3/3/56)**. u twassal sabiex il-vittma u ċioe' is-suġġett passiv ta' dan ir-reat isofri xi telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment għal min jgħid dik il-gidba.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Enrico Petroni et** irriteniet-

"Kwantu ghall-kwistjoni mqajjma mill-appellanti u cioe` jekk il-"gidba semplici" – a differenza tal-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal "qerq", cioe` tkun intiza jew preordinata sabiex il persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba, u basta, s'intendi, li tkun effettivament waslet ghal dan it-telf minn naha u arrikkiment min naha l-ohra." (enfasi ta' din il-Qorti)

**Ikkunsidrat:**

Abbraccjati tali insenjamenti, il-Qorti se tghaddi sabiex tapplika l-principji enuncjati ghall-kaz in ezami.

Meta wiehed jghaqqad l-ligi mat-taghlim gurisprudenzjali hawn fuqu elenkat din il-Qorti temmen li l-elementi li jsawwru ir-reati addebitati lill-imputat taht l-

Artikoli 293, 294, 308 u 309 ma gewx sufficjentament ippruvati. Ma jidhirx li kien hjemm raggiri tal-anqas fit-tieqa temporali indikata fl-akkuza u cioe fil-gurnata tat-2 ta' Dicembru 2022 u fil-granet u x-xhur ta' wara, liema tperjodu taz-zmien ghalhekk jirreferi ghall-perjodu sa sena wara u jinkludi ghalhekk id-19 ta' Marzu 2023.

Il-fatt li l-imputat ma zammx kellmtu ma jfissirx li huwa gideb, ma jfissirx li holoq xi artifizi foloz biex jinganna. Anzi kollox jidher li xi ftit jew wisq ix-xoghol kien inbeda u fil-process l-imputat beda jaqa' lura u ma zammx ma dak pattwit. Certament dak li huwa ghamel jew ahjar ma ghamilx huwa altament ikkundannabbli pero' dak li jinsab fl-atti processwali jaghmel biss tajjeb bhala provi sodi fil-kamp civili fejn il-grad ta' prova huwa fuq bazi ta' probabilita'.

Illi kif inhu maghruf sabiex il-Prosekuzzjoni tirnexxi fil-kaz taghha hemm zewg elementi ta' kwalunkwe reat illi jridu jigu pruvati u cioe l-mens rea u l-actus reus u cioe l-intenzjoni fl-akkuzat illi jwettaq tali reat u l-att propju. Il-Qorti tqis illi dawn iz-zewg elementi illi huma kumulattivi, cioe jridu jirrizultaw it-tnejn sabiex tinstab htija, ma jirrizultax mill-provi mressqa in atti.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 293, 294, 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Kodici Kriminali, qed issib lill-imputat **SALVATORE MIRAGLIA MHUX HATI** tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u qed tilliberah minn kull htija u piena fir-rigward ta' l-istess.

Il-Qorti taghmilha cara li, in vista tal-principji dwar il-grad tal-prova, id-drittijiet civili bejn il-partijiet jibqghu mhux pregudikati.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem car din is-sentenza.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tinghata immedjatament lill-partijiet u li din is-sentenza titpogga minnufih fuq is-sistema digitali tal-Agenzija ghas-Servizzi tal-Qrati.

Moghtija illum 29, ta' Lulju 2025, fil-bini tal-Qorti, Malta.

Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.

Magistrat

Annalise Mifsud

Deputat Registratur.